# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
## AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE

## Seduta tat-Tlieta, 25 ta' Mejju 2021

## Talba numru 306/2020SFJ

***CKV CENTRAL LIMITED (C41316)***
***VS.***
***JOHAN SALIBA (177479M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fl-1 ta' Diċembru 2020 li permezz tiegħu, is-soċjetà attriċi qalet:

> *"Illi l-konvenut hu debitur tal-kumpanija attriċi fis-somma ta' sitt mija u ħamsa u sebgħin Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€675.31) rappreżentanti konsenja u/jew bejgħ ta' prodotti u/jew servizzi lilu mill-kumpanija attriċi fuq inkarigu u struzzjonijiet tiegħu stess in konnessjoni man-negozju bl-isem Grab & Go, u dan stante li tali somma hi dovuta u dan għadu ma ħallasx. Dan l-ammont jirriżulta mill-istatement hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A';*
>
> *Illi l-kumpanija attriċi interpellat lill-konvenut diversi drabi biex iħallasha l-ammont minnu dovut, fosthom permezz ta' ittra legali datata 19 ta' Awwissu 2020 (ara 'Dok. B') u ittra uffiċjali numru 1831/2020 maħruġa a tenur tal-*

> *Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema ittra baqgħet mhux innotifikata (ara 'Dok. Ċ'). Għalhekk, il-konvenut baqa' inadempjenti u għalhekk din is-somma għadha ma tħallsitx u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*
>
> *Għaldaqstant, il-kumpanija attriċi titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiddikjara lill-konvenut debitur tagħha fis-somma ta' €675.31 u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-istess kumpanija attriċi din is-somma;*
>
> *Bl-imgħaxijiet fuq l-ogħla rata permessa mill-Liġi mid-data tan-notifika ta' din il-kawża sad-data tal-ħlas effettiv u kif ukoll bl-ispejjeż kontra l-konvenut;*
>
> *Il-konvenut qiegħed minn issa jiġi inġunt in subizzjoni. Dan kollu qed jintalab mingħajr preġudizzju u b'riżerva għall-pretensjonijiet l-oħrajn tal-kumpanija attriċi fil-konfront tal-konvenut."*

Ra d-dokumenti "A" u "B" annessi tal-Avviż tat-Talba (fol. 5 u 6).

Ra l-kopja tal-ittra uffiċjali (mibgħuta *ai termini* tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) numru 1831/2020.

Ra li l-konvenut ġie nnotifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ nhar l-10 ta' Mejju 2021 kif jidher mir-riferta relattiva.

Ra li l-konvenut deher għas-seduta tal-11 ta' Mejju 2021 u matul is-seduta, ammetta li kien debitur tas-soċjetà attriċi fl-ammont indikat fl-Avviż tat-Talba.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-25 ta' Mejju 2021.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal osserva li matul is-seduta tal-11 ta' Mejju 2021, il-konvenut deher u xehed minn jeddu. Taħt ġurament, huwa ammetta li kien debitur tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' sitt mija u ħamsa u sebgħin Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€675.31). Huwa kkonferma din l-ammissjoni meta mistoqsi mit-Tribunal u saħansitra qal li kien wasal fi ftehim mas-soċjetà attriċi biex jagħmel pagamenti mensili ta' ħamsin Ewro (€50.00).

Huwa għalhekk ovvju li t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi jimmeritaw li jiġu milqugħa.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' sitt mija u ħamsa u sebgħin Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€675.31).

It-Tribunal jordna li l-imgħaxijiet fuq l-ammont relattiv għandhom jiddekorru b'rata mhux ogħla mill-ogħla rata permessa skont il-liġi u għandhom jiġu ikkalkulati mid-data ta' notifika ta' din il-kawża, jiġifieri mill-10 ta' Mejju 2021 'il quddiem, sad-data tal-pagament effettiv, u dan kif mitlub mis-soċjetà attriċi fl-Avviż tat-Talba.

Finalment, it-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kollha mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**